**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju, 2001

**Numru 5**

**Avviz. numru 242/01JR**

**"The Performing Right Society Limited" ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited**

**vs**

**Veccja Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), kwantu ghal tlieta u erbghin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm43.82) "royalty" u sitt liri Maltin u seba' u hamsin centezmu (Lm6.57) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.9088 (Dok.A) rilaxxjata

**mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Veccja Bar Restaurant ghall-perijodu mis-6 t'Ottubru, 2000, sal-5 t'Ottubru, 2001;**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relativa sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Dicembru, 2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rappresentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), bl-imghaxijiet legali mis-6 t'Ottubru, 2000, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Dicembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**